TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/104/11/S

Dr.Guido u Miriam konjugi Pace Spadaro
Vs
V.G. Tiles Co.Ltd.

Illum 12 t'Ottubru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Dr.Guido u Miriam konjugi Pace Spadaro datata 16 ta'Frar,2011 filwaqt li s-socjeta konvenuta V.G.Tiles Co.Ltd. la pprezentat risposta u lanqas ressqet provi;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attur u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tas-26 ta'Lulju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda madum supplit mis-socjeta konvenuta li kellu differenzi fil-kulur tieghu partikolarment wara li inghorok;

Illi jidher car li l-madum supplit ma kienx tal-kwalita miftehma fir-rigward tal-kulur u dan kif jidher car mir-ritratti pprezentati;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, jirrizulta li n-nuqqas kien daparti tas-socjeta konvenuta u fil-fatt l-istess socjeta f'ebda hin ma kkontestat dak allegat mill-attur;

Illi s-socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova biex ixxejjen dak allegat mill-atturi;

Illi l-attur informa lil dan it-Tribunal li huwa kien qed jitlob il-hlas lura tal-prezz imhallas jew prezz ridott minghand is-socjeta konvenuta;

Illi dan it-Tribunal ihoss li t-tieni opzjoni msemmija mill-istess attur taghmel iktar sens fic-cirkostanzi odjerni;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239688

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Illi t-Tribunal hu tal-fehma ukoll li l-atturi setghu iwaqqfu lil min kien qed iwahhal dan il-madum hekk kif indunaw li kien hemm xi madum b'kulur differenti mill-iehor;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Dr.Guido u Miriam konjugi Pace Spadaro u Jordna lis-socjeta V.G.Tiles Co.Ltd. biex thallashom is-somma ta' €200 stabbilita *ex aequo et bono*, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mis-socjeta konvenuta.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888